# L-ILSIEN INGLIŻ TAGĦNA WKOLL



ALBERT GAUCI CUNNINGHAM / agaucicunningham@unionprint.com.mt



**I**l-lingwa Ingliża hija waħda mir-riżorsi li għandu pajjiżna. Hija lingwa li permezz tagħha pajjiżna bena' industrji kbar, ħoloq l-impjiegi u ġġenera l-ġid.

Tkellimna mal-għalliem, riċerkatur u membru tal-English as a Foreign Language Board (EFL) **Daniel Xerri** dwar inizjattiva bħala parti mill-programm Education+ biex studenti Maltin li ħallew l-iskola qabel iż-żmien jitgħallmu l-Ingliż, dwar l-industrija tat-TEFL f'Malta u dwar il-livell tal-Ingliż f'pajjiżna.

*L-ewwel nett Daniel, x'inhu eżattament l-irwol tal-EFL monitoring Board?*

L-EFL Board huwa entitá fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni u l-għan tiegħu huwa li jaġixxi bħala regolatur fl-industrija tat-Tagħlim tal-Ingliż. Xogħol dan il-bord huwa li joħroġ permessi u liċenzji lill-iskejjel tal-Ingliż f'Malta kif ukoll li jassigura l-kwalitá, jorganizza korsijiet ta Continuous Personal Development (CPD) u li jirrappreżenta l-interessi ta' 47 skola li flimkien jattiraw 80,000 student lejn Malta minn aktar minn 40 pajjiż. Ta' min ifakkar kif b'kollox dawn jgħoddu għal 5% tat-turist.

*Il-Bord iddeċieda li jibda inizjattiva fil-qafas tal-programm Education+ mħabbar mill-Gvern ftit ilu. Għalfejn dħaltu għal inizjattiva bħal din u fhiex tikkonsisti?*

Hekk hu. Rajna kif is-suċċess kbir, anke fuq livell internazzjonali nroddu parti minnu lura lill-komunita billi ngħinu studenti Maltin jtejbu l-proficjenza tagħhom fil-lingwa. Ħassejna li dan kien il-'Corporate Social Responsibility' tal-industrija li għal snin twal issa ilha tagħmel suċċess fuq suċċess. Ħriġna espressjoni ta' interess biex naraw liema skejjel tal-Ingliż ikunu interessati biex jipparteċipaw fiha bil-prinċipju madwar din l-inizjattiva ikun għajnuna lil Aġenzija Żgħażagħ. L-għajuna kienet fil-forma ta' għalliema li jgħinu u jgħallmu studenti bejn is-16 u l-21 sena l-Ingliż. Dawn il-lezzjonijiet kienu qed isiru b'xejn fl-iskola Umberto Colosso. Irrid nirrimarka li Aġenzija Żgħażagħ ilha tmexxi il-programm Youth.Inc imma din kienet l-ewwel darba li din l-industrija għenet permezz tar-responsabilità soċjali li għandha biex tkun organizzata xi ħaġa bħal din.

*Kemm kien hemm skejjel li ppartecipaw?*

B'kollox kien hemm tlieta. EC Malta, ACE Malta u Am language School. B'kollox kien hemm sitt għalliema u grupp ta' 50 student li kienu parti minn din l-inizjattiva li bdejniha s-sena l-oħra bħala proġett pilota. Il-lezzjonijiet saru bejn Ottubru u Diċembru u kull ġimgħa l-istudenti kellhom tliet lezzjonijiet. Importanti li nsemmu li dawn kienu studenti u żgħażagħ vulnerabbli li telqu mill-iskola kmieni, m'għandhomx kwalifikazzjonijiet u ġejjin minn sfond soċjali differenti.

*Mill-esperjenza tiegħi fil-qasam tat-tagħlim tal-Ingliż naf li fl-industrija tat-TEFL l-għalliema jkollhom quddiemhom studenti li ħallsu ħafna flus u ġeneralment motivati. Hawnhekk ix-xenarju kien kompletament differenti għall-għalliem. Mir-rispons li kellek x'kienu dawk il-problemi li ltaqgħu magħhom l-għalliema fil-klassi?*

Wara t-tliet xhur li matulhom saru l-lezzjonijiet jiena intervistajt l-għalliema wieħed, wieħed fejn pruvajt insir naf aħjar l-esperjenza tagħhom. Ir-rispons kien, inizjalment, xokk kulturali hekk kif dawn qatt ma kienu għallmu studenti Maltin u qatt ma għallmu studenti li ma kienux komdi fl-iskola jew li dejjem ħassewhom barra mill-kuntest edukattiv. Imma anke għall-istudenti kienet xi ħaġa ġdida għax iffaċċjaw għalliema li qatt m'għallmu Maltin jew studenti li jistgħu joffru dik it-tip ta' sfida. Aħna biddilna xi affarijiet bħal kif titqassam il-klassi u anke l-pedagoġija biex l-klassi tkun iktar iċċentrata madwar l-istudent.

> *Għalkemm ma rajniex qabża kbira fil-proficjenza rajna apprezzament mill-istdenti ta' kif setgħu jitgħallmu b'mod differenti.*

*Tista ttini eżempju ta' kif ħaddimtu metodoloġija differenti u x'effett kellu fuq l-istudenti?*

Aħna ma ffukkajniex biss fuq il-modi tradizzjonali ta' tagħlim. Enfasizzajna aktar fuq il-ħila komunikattiva permezz ta' attivitajiet ta' diskussjoni bl-Ingliż. Ma kinitx faċli għall-ewwel, daqs kemm ma kienx faċli li ntroduċejna mal-istudenti ħidma fil-klassi f'pari u gruppi u logħob. Dawn ilkoll kienu aljeni għall-mod kif l-istudenti jipperċepixxu t-tagħlim u fil-każ tal-logħob xi studenti saħansitra lanqas riedu jipparteċipaw għall-ewwel għax għalihom dak ma kienx il-mod kif jitgħallmu. Għalkemm ma rajniex qabża kbira fil-proficjenza rajna apprezzament mill-istudenti ta' kif setgħu jitgħallmu b'mod differenti. Fil-bidu kienu jgħidu lill-għalliema "miss, għalfejn qegħdin nilagħbu biex nitgħallmu, mhux suppost nitgħallmu hekk" imma mbgħad biddlu l-attitudnijiet u aċċettaw li, iva, nistgħu nilgħabu logħba mhux biex ngħidu lagħbna imma biex nitgħallmu xi ħaġa jew kif nużaw il-lingwa aħjar. Kienet bidla wkoll għall-istudenti li kienu fi gruppi iżgħar, għaxar studenti f'kull klassi, bl-għalliem ikun iktar qiegħed hemm biex jimmoniterja l-progress tagħhom milli jkun il-figura ċentrali. Il-fatt li kellhom jipparteċipaw aktar kienet sfida għalihom ukoll għall-istudenti.

*Allura issa li tħaddmet darba din l-inizjattiva, issa x'se jiġri?*

Se nibdew fażi oħra bi studenti differenti. Filwaqt li l-qafas u l-prinċipji se jibqgħu l-istess aħna tgħallimna wkoll. Tgħallimna, per eżempju, dwar l-importanza tal-isfond soċjali tal-għalliem innifsu għax jeħtieġ li dawn jifhmu aħjar l-ambitu li minnu ġejjin l-istudenti u jifhmu aħjar kif għandhom jittrattaw lill-istudenti li joffru dawn l-isfidi.

Fl-aħħar ta' dan il-kors l-istudenti se jkollhom joqgħodu għal xi forma ta' eżami jew assesjar?

Le, ma kienx it-tip ta' kors li l-istudenti mdorrijin bih fejn tagħmel il-lezzjonijiet biex imbagħad toqgħod għall-eżami. Il-kors kien aktar orjentat biex inbiddlu l-attitudni fl-istudenti għat tagħlim u għall-Ingliż. Minflok eżami jew test l-assesjar kien qed isir mill-għalliem b'mod aktar formattiv, jiġifieri li l-assesjar jsir mill-għalliem waqt li l-istudenti kienu fil-klassi. Dan isir fil-forma ta' assesjar fuq kull attività li ssir fil-klassi fejn imbagħad ikun l-għalliem li jifforma opinjoni studjata tal-istudent wara li jkun rah jaħdem waħdu, ma' persuna oħra jew fi grupp.

*Allura taħseb li l-metodoloġija wżata mill-għalliema f'din l-inizjattiva tista tkun aktar effettiva minn dik użata fl-iskejjel illum?*

Hemm l-idea żbaljata li fl-iskejjel pubbliċi għandek pedagoġija li hija ċentrata madwar l-għalliem, fejn l-għalliem huwa l-qofol tal-klassi. Dan mhux neċessarjament il-każ. Wieħed jeħtieġ jiftakar li dawn l-għalliema huma kwalifikati fit-tagħlim tal-Ingliż u ngħataw taħriġ bl-istess pedagoġija ta' dawk li għamlu korsijiet ta' tagħlim tal-Ingliż fl-industrija tal-EFL, bħal ma huma iċ-CELTA u d-DELTA. Il-lezzjonijiet dejjem għandhom ikunu ċċentrati madwar l-istudent. Minn naħa l-oħra wieħed irid jiftakar li fi skola sekondarja, kif inhi is-sistema, għalliem qed jipprepara lill-istudenti għall-eżami. Din tisfurzah, anke jekk ma jridx, biex jieħu ċertu attitudni lejn il-mod kif imexxi u jwettaq il-lezzjonijiet. Naturalment ma tistax tuża l-istess metodu ma' klassi ta' studenti li jiġu Malta għal ġimgħatejn. Għalhekk nisħaq fuq il-bżonn ta' 'cross polination', jiġifieri li l-għalliema fi skejjel primarji u sekondarji jitgħallmu wkoll mill-esperjenzi ta' għalliema mill-industrija tal-EFL u viċi versa.

*Dan it-tqasim ta' esperjenzi ta' tagħlim qed iseħħ bħalissa?*

Iva minħabba li ħafna għalliema tal-iskejjel primarji u sekondarji fis-Sajf imorru



jgħallmu fi skejjel li jgħallmu l-Ingliż. Apparti minn hekk, aħna kellna skema b'ħidma mal-Ministeru tal-Edukazzjoni fejn tajna taħriġ lil 230 għalliem mit-tielet sena tal-primarja u t-tielet, raba' u l-ħames sena tas-sekondarja. Użajna 'trainers' mill-EFL u dawk li jħarrġu għalliema f'din l-industrija. Aħna għafasna ħafna fuq l-għarfien li għandhom ikollhom l-għalliema tal-lingwat, jiġifieri ta kif l-għalliema janalizzaw il-lingwa biex it-tagħlim ikun aktar effettiv. Il-kors dam tliett'ijiem u sar qabel bdiet is-sena skolastika. Li kien interessanti huwa li dan it-taħriġ ma kienx 'one way', fis-sens li mhux minn naħa tal-EFL għallimna u l-għalliema tal-iskejjel pubbliċi itgħalmu. Tgħallem kulħadd. Għalhekk kif għidtlek qabel, sinerġija bejn l-għalliema tas-sekondarja u l-primarja u dawk l-għalliema fl-industrija tat-tagħlim tal-Ingliż hija t-triq 'l quddiem. Ma ninsewx ukoll li l-għalliema fis-sekondarja u fil-primarja għandhom 'degree' filwaqt li dawk tat-TEFL le, jiġifieri irridu nħarsu mhux narmu r-riżorsa li għandna fil-mijiet ta' għalliema fl-iskejjel ta' pajjiżna.

*Nitfgħu ħarsitna iktar lejn l-industrija tal-Ingliż f'Malta issa. Meta tqabbel il-kwalifiċi tal-għalliema f'pajjiżna ma' pajjiżi oħrajn issib li f'Malta b'sempliċiment TEFL tista ssir għalliem. Fir-Renju Unit il-minimu huwa ħafna ogħla minn hekk. Taħseb li issa li l-industrija f'Malta qed tikber wasal iż-żmien li jkun ikkunsidrat bidla fil-kwalifiċi neċessarji għal għalliema f'din l-industrija?*

Jekk naraw kif taħdem l-industrija internazzjonalment vera li f'ħafna pajjiżi l-kwalifiċi huma ogħla. F'Malta bdejna bil-kwalifika tar-raba' livell, jiġifieri dik fuq l-istess binarju ta' livell avvanzat. Issa iva hemm lok u jista jkun li ntejbu imma rridu nżommu dejjem f'moħħna r-realtajiet tal-industrija. F'sena jiġu madwar 80,000 student bl-akbar influss ikun fis-Sajf meta allura l-bżonn tal-għalliema jkun wieħed kbir. Irridu noqgħodu attenti li jekk inżidu l-kwalifiċi ma nagħmlux ħsara lill-industrija li għandha ċerti bżonnijiet li jeħtieġ jintlaħqu. Hemm bżonn ta' bilanċ.

*Imma kieku jseħħ tibdil bħal dan mhux se jkun qed iseħħ mill-lum għal għada iżda fuq medda ta' snin…*

Tista iva imma li jiġri huwa li l-industrija tiddependi minn nies, bħal studenti Universitarji, li ġeneralment ikunu lesti jħallsu madwar €300 biex jagħmlu l-eżami tat-Tefl u jużaw dan l-istess eżami biex jaħdmu għal Sajf jew tnejn qabel imorru jaħdmu f'setturi oħrajn li fihom ikunu kwalifikati mill-Università. Fil-verità aħna niddependu minn dawn il-partajmers, speċjalment fl-istaġun tas-Sajf. Issa jekk ngħidulhom biex jagħmlu eżami iktar ogħli fil-livell, bħas-CELTA, irridu niftakru li dan jiswa ħafna flus, iktar minn €1,000 u jista jkun li dawn ma jkunux lesti jħallsu dawn l-ammonti u titlifhom. L-industrija tat-tagħlim tal-Ingliż hija mill-aktar fraġli u tiddependi ħafna fuq in-numri. Jekk ngħollu il-livell b'ċertu mod li ma jkollokx biżżejjed għalliema tista terqidha. Bħalissa qed naħdmu biex issir reviżjoni kompleta tal-avviż legali tal-1996, liġi li se tirrevedi l-kwalifiċi wkoll imma mhux b'mod li tinsa r-realtajiet tal-industrija.

> ***Ikun żball kbir jekk nitilfu din il-lingwa għax nitilfu din l-industrija, is-settur finanzjarju, il-farmaċewtika u t-turiżmu.***

*Kif se tkun "bidla kompleta" r-reviżjoni tal-avviż legali?*

L-ewwelnett bħalissa din il-bidla qegħda f'proċess ta' konsultazzjoni bl-avviż legal rivedut joħroġ fil-ġimgħat li ġejjin. Issa fl-avviż legali rivedut aħna bħala EFL Board insistejna fuq tagħlim mid-dar u r-regolamentazzjoni tiegħu, insistejna wkoll għal rekwiżiti minimi għal dawk li jagħtu t-taħriġ, Diretturi tal-iskejjel (DoS) u l-istess reviżjoni se tfisser li l-permess biex persuna tkun tista tgħallem se jkun qed jiġġedded kull erbà snin, mhux jibqá għal ħajtek kollha. Trid turi li qed taħdem għal ċertu siegħat kull sena u li qed isegwi taħriġ ta' żvilupp personali professjonali.

*Imma mhux hekk jiġri bħalissa? Il-permess tal-għalliem ikun mġedded?*

Le, bħalissa tieħu l-permess tat-tagħlim b'mod awtomatiku. Bil-bidliet il-permess se jkun mġedded fuq il-bażi ta' żvilupp professjonali. Anke l-liċenzja tal-iskejjel mhux se tibqa' għal dejjem imma tkun riveduta. L-iskejjel preżenti għandhom erba' snin biex iżommu u jlaħħqu ma' 'ċerti standards' fl-istess ħin se jsir proċess biex tara li l-'standards' qed jinżammu. Ma jistax ikollok skejjel li jagħmlu ħsara lill-industrija kollha.

*Ġieli kontu kostretti tneħħu liċenzji ta' ċerti skejjel tal-Ingliż?*

Iva kellna skejjel li neħħejnilhom il-liċenzja. Tuffieħa ħażina tħassar it-tuffiegħ l-oħrajn u aħna ma nistgħux inħallu skola waħda tagħmel ħsara lill-industrija kollha. Klijent mhux sodisfatt ħa jdur fuq il-midja soċjali u jagħmel l-ilment hemm għad-detriment, mhux tal-iskola biss iżda tal-industrija kollha.

*Qed naraw swieq ġodda li qed jilħaq pajjiżna bħal Brażil. Dan huwa riżultat ta' ħidma minn wara l-kwinti? Hemm xi swieq ġodda li qed tħarsu lejhom għall-futur?*

Tradizzjonalment il-ħames swieq primarji f'din l-industrija huma Ewropej jew viċin l-Ewropa; mill-Ġermanja, l-Italja, Russja, Spanja u Franza. Issa l-iskejjel qed jesploraw swieq ġodda bħal ma huma l-Brażil, it-Turkija u l-Ażja. Din hija xi ħaġa pożittiva ħafna għax mhux qed iġġib studenti minn suq wieħed biss u għalhekk ma tkunx tiddependi fuqu biss. Tajjeb li jkollok il-varjetà. Iktar minn hekk iżda, dawn is-swieq huma ta' benefiċċju għall-pajjiż kollu. Studenti Brażiljani, per eżempju, joqgħodu hawn għal żmien twil u allura jħallu aktar flus. Ta' min l-iskejjel ikomplu jesploraw aktar swieq għal aktar varjetà biex ikunu aktar b'saħħithom. Irrid ngħid li hemm xi kwistjonijiet dwar visas għal ċerti pajjiżi imma nifhmu l-biża jew problemi li jista jkun hemm fuq diversi pajjiżi.

*Liema pajjiżi qed ikunu problematiċi f'dan ir-rigward?*

Dwar studenti mill-Libja riċentement kellna kwistjonijiet kbar li nifmuhom bħala industrija għax hija kwistjoni ta' sigurta' nazzjonali. Huwa vera li ħafna skejjel iddependew mill-Libjani , speċjalment fix-xhur aktar kwieti tax-Xitwa, imma l-iskejjel qed jifhmu li din kwistjoni li tmur lilhinn. Jeħtieġ inkomplu nkabbru anke billi nattiraw aktar studenti mill-Ażja, bħall-Vietnam. Ma ninsewx li qed nikkompetu ma' pajjiżi fejn l-Ingliż hija l-lingwa materna.

*L-aħħar mistoqsija titratta l-livell tal-Ingliż fil-pajjiż. Taħseb li bħala Maltin qed inżommu l-valur tal-importanza tal-Ingliż?*

Naħseb li iva qed nżommuh u importanti li nkomplu nagħtu importanza lill-Ingliż għax din il-lingwa hija parti mill-identitá tagħna wkoll. L-Ingliż tagħna wkoll. Ikun żball kbir jekk nitilfu din il-lingwa għax nitilfu din l-industrija, is-settur finanzjarju, il-farmaċewtka u t-turiżmu li kibru sew matul is-snin. Mhux vera li l-livell tal-Ingliż naqas, la fil-primarja u lanqas fis-sekodarja. Bħala abbiltá ta' kitba, l-livell f'Malta huwa ogħlaminn pajjiżi oħrajn tant li aħna nikkompetu mal-Isvezja fil-profiċjenza. Meta tikkumpara essej li kitbu studenti Maltin ma' dak ta' persuna li titkellem l-Ingliż bħala lingwa materna ma tarax differenza kbira.